Minuti tal-Laqgħa Nru. 15 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Courses tal-Computer TCTC u Skola Sajf
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati b' vot unanimu.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju semma li se jkun hemm seminar minn naħa tal-MCCAA li se jkun jittratta dwar id-drittijiet tal-konsumatur relatatti ma qtugħ ta biljetti tal-ajru u drittijiet oħra. IS-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera Sammut sabiex tattendi għal dan is-seminar. Dan se jsir fid-19 ta' Lulju.

3.2 Is-Sindku qara ittra li waslet mingħand Luqa St. Andrew's FC fejn huma infurmaw li se jkunu qed jorganiżżaw Summer Camp li parti minnu se ssir ġewwa Sqallija. Huma talbu lill-Kunsill jekk jistax jagħti xi forma t' ghajnuna u fl-istess ħin dan it-tournament issir b' kollaborazzjoni mal-Kunsill. Is-Sindku wera wkoll stampa ta flokk li se jintuża waqt din l-attivita fejn hemm l-arma tal-Kunsill fuqu u anki l-isem tal-Kunsill. Is-Sindku ippropona li tingħata xi forma t' għajnuna, il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

3.3 Is-Sindku semma li tlaqqa l-Bord dwar l-aġġudikazzjoni tat-tenders fejn kien hemm analiżi fuq it-tenders għal istreet furniture u dak għall perit fuq il-proġett ta' Ħal Farruġ. Fuq il-perit is-Sindku semma li kien hemm allegazzjonijiet fuq il-perit li offra l-iżgħar offerta. Huwa semma li l-Kunsill talab lill-Pulizija sabiex tagħti kwalunkwe informazzjoni li tista tkun utli għal Kunsill imma s' issa din ma tat l-ebda informazzjoni. Is-Sindku issuġġerrixxa li la ma kien hemm l-ebda informazzjoni minn naħa tal-Pulizija għandna nimxu fuq l-aktar offerta vantaġġjuża. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandna mmorru fuq l-aktar offerta vantaġġjuża. Is-Sindku semma li l-Kunsill se jirriserva d-dritt li kemm il-darba jkun hemm passi minn naħa tal-Pulizija fil-konfront ta dan il-Perit.

3.4 Is-Sindku kompla li fuq it-tender l-ieħor relatatt mal-istreet furniture kien hemm żewġ offerti li ġew short listed. Huwa semma li fuq dawn l-offerti se jintalbu aktar kjarifiki speċjalment jekk il-prezz ikunx jinkludi installazzjoni u VAT.

3.5 Il-Kunsilliera Massa infurmat li fuq il-ħarġa t' Għawdex hemm kollox ippreparat.

3.6 Il-Kunsillier Caruana issuġġerrixxa biex għall ħarġa t' Għawdex ikun hemm itinerarju differenti minn dak tas-soltu. Il-Viċi Sindku semma li l-problema qed tkun is-sħana li ma tantx tippermeti li jkun hemm itinerarju differenti.

3.7 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li kien se jsir aċċident fi Triq Dun Pawl minn naħa tal-Arriva meta din telgħet il-bankina u ġibdet pramm magħha. Hija qalet li hemm bżonn issir xi ħaġa li tista sservi bħala lqugħ. Is-Segretarju wieġeb li huwa kien iforma lill-Arriva fuq

dan il-każ u huma irrispondew li se jkunu qed jieħdu passi fuq is-sewwieq. Is-Sindku qal ukoll li se tkun iċċekkjata l-possibilta biex isiru u-bars fiż-żona.

3.8 Il-Kunsilliera Sammut qalet li waslitilha proposta biex tkun restawrata niċċa fi Triq ir-Rixtellu. Is-Sindku qal li għandna napplikaw għall fondi bħalma kien hemm għall iskema tar-restawr ta postijiet storiċi.

3.9 Il-Kunsilliera Massa qalet li l-kennies ilu ma jiknes u jnaddaf Triq il-Gudja.

3.10 Il-Kunsillier Falzon semma li n-nies qed iħallu ħafna skart fuq barra, anki fejn hemm il-Bandli fi Triq Sebastiano Saliba. Huwa semma wkoll li anki l-kollettur tal-ġbir tal-iskart iħalli xi skart warajh wara li dan jiġbru u ma jnaddafx.

3.11 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn issir sign tal-STOP fejn Thomas Smith u oħra F' St. George's Street inti u ħiereġ għal St. Andrew's Street. Huwa semma wkoll li hemm bżonn issir vleġġa li tindika fejn għandhom jgħaddu l-karozzi fil-parti minn New Street għall St. Andrew Street. Is-Sindku appella lill-Kunsillier biex iħażżeż kif trid tiġi l-vleġġa.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn isiru sleeping policeman għall bidu ta Valletta Road billi qed ikun hemm karozzi għaddejin bi speed eċċesiv.

## 4.0 COURSES TAL-COMPUTER TCTC U SKOLA SAJF

4.1 Is-Sindku semma li kien hemm domanda biex terġa ssir Skola Sajf mill-Kunsill Lokali, peress li dik li kienet se ssir minn naħa tal-Iskola kienet ta prezz għoli u kienet ta natura differenti minn dik li jorganiżża l-Kunsill. Is-Sindku semma li din kienet se tkun organiżżata minn naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

4.2 Is-Sindku semma li l-ħsieb huwa biex din tkun organiżżata ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali peress li l-Kunsill għad m' għandux premises adattat.

4.3 Is-Sindku semma li fuq il-courses tat-TCTC dawn se jerġgħu ikunu organiżżati. Huwa semma li l-Ġimgħa se ssir laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali fil-5.30 pm.

## 5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsillier Camilleri u l-Kunsilliera Sammut semmew li huma se jkunu qed jastjenu fuq il-pagament li għandu jingħata lill-kollettur tal-iskart u dak li jrid jingħata lill-kennies.

Is-Sindku ippropona li ssir laqgħa ma dawn iż-żewġ kuntratturi u għalissa ma jinħarġux il-pagamenti relatatti magħhom.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar il-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2013, fis-6.30 p.m.Kien hemm il-ġurnata tat-2 ta' Lulju 2013 proposta għall laqgħa tal-Kunsill.

Konfermati llum ________________________ 2013.

______________________ 
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv